# QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' April 2008 — Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-271/03)** [1]

***("Kompetizzjoni — Artikolu 82 KE — Prezzijiet ta' aċċess għan-netwerk fiss ta' telekomunikazzjonijiet fil-Ġermanja — Pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet — Prezzijiet approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali tat-telekomunikazzjonijiet — Marġni ta' flessibbiltà ta' l-impriża f'pożizzjoni dominanti")***

(2008/C 128/62)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Telekom AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: l-ewwel K. Quack, U. Quack u S. Ohlhoff, imbagħad U. Quack u S. Ohlhoff, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel K. Mojzesowicz u S. Rating, imbagħad K. Mojzesowicz u A. Whelan, fl-aħħar K. Mojzesowicz, W. Mölls u O. Weber, aġenti)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tal-konvenuta:* Arcor AG & Co. KG (Eschborn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: l-ewwel M. Klusmann, F. Wiemer u M. Rosenthal, imbagħad M. Klusmann u F. Wiemer, fl-aħħar M. Klusmann, avukati); Versatel NRW GmbH, preċedentement Tropolys NRW GmbH, preċedentement CityKom Münster GmbH Telekommunikationsservice u TeleBeL Gesellschaft für Telekommunikation Bergisches Land mbH (Essen, il-Ġermanja); EWE TEL GmbH (Oldenbourg, il-Ġermanja); HanseNet Telekommunikation GmbH (Hamburg, il-Ġermanja); Versatel Nord-Deutschland GmbH, preċedentement KomTel Gesellschaft für Kommunikations- und Informationsdienste mbH (Flensburg, il-Ġermanja); NetCologne Gesellschaft für Telekommunikation mbH (Cologne, il-Ġermanja); Versatel Süd-Deutschland GmbH, preċedentement tesion Telekommunikation GmbH (Stuttgart, il-Ġermanja); u Versatel West-Deutschland GmbH, preċedentement Versatel Deutschland GmbH & Co. KG (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Nolte, T. Wessely u J. Tiedemann, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/707/KE, tal-21 ta' Mejju 2003, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 KE (Każijiet COMP/C 1/37.451, 37.578, 37.579 — Deutsche Telekom AG) (ĠU L 263, p. 9), u, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Deutsche Telekom AG għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.*

3) *Arcor AG & Co. KG, minn naħa, u Versatel NRW GmbH, EWE TEL GmbH, HanseNet Telekommunikation GmbH, Versatel Nord-Deutschland GmbH, NetCologne Gesellschaft für Telekommunikation mbH, Versatel Süd-Deutschland GmbH u Versatel West Deutschland GmbH, min-naħa l-oħra, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

[1] ĠU C 264, 1.11.2003.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' April 2008 — Dainichiseika Colour & Chemicals Mfg. vs L-UASI — Pelikan (Rappreżentazzjoni ta' pellikan)

**(Kawża T-389/03)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tir-rappreżenta pellikan — Trade marks Komunitarji jew nazzjonali figurattivi preċedenti Pelikan — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2008/C 128/63)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Dainichiseika Colour & Chemicals Mfg. Co. Ltd (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: J. Hofmann u B. Linstow, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Laporta Insa, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Pelikan Vertriebsgesellschaft mbH & Co. KG (Hanovre, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck, V. von Bomhard u A. Pohlmann, wara A. Renck, V. von Bomhard u T. Dolde, avukati)